# MALTA

**ATT Nru. XXXVIII ta' l-1989**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jawtorizza li s-somma ta' ħames miljuni u mitejn elf lira Maltija tinġabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1988.**

**ACT No. XXXVIII of 1989**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to authorise a sum of five million two hundred thousand Maltese liri to be raised in Malta by way of loan for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1988.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

15 ta' Diċembru, 1989

**ATT Nru. XXXVIII ta' l-1989**

*ATT biex jawtorizza li s-somma ta' ħames miljuni u mitejn elf lira Maltija tinġabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-deficit fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1988.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 dwar Self Lokali. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor b'self f'Malta s-somma li ma tkunx iżjed minn ħames miljuni u mitejn elf lira Maltija. Setgħa għall-ġbir ta' self.

(2) Sabiex jinġabar is-self kif intqal qabel, il-Ministru responsabbli għall-finanzi huwa b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati); u s-self magħmul skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jsir skond dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-imsemmi Ministru jista' japprova. Kap. 161.

Skop tas-self.

**3.** Kull somma mislufa taħt l-awtorità ta' dan l-Att għandha tiġi approprjata u użata biex tagħmel tajjeb għad-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1988.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 320 tas-6 ta' Diċembru, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

15th December, 1989

## ACT No. XXXVIII of 1989

*AN ACT to authorise a sum of five million two hundred thousand Maltese liri to be raised in Malta by way of loan for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1988.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Local Loan Act, 1989. Short title.

**2.** (1) Subject to the provisions of this Act, the Government of Malta may raise in Malta by way of loan a sum of money not exceeding five million two hundred thousand Maltese liri. Power to raise loan.

(2) For the purpose of raising the loan as aforesaid, the Minister responsible for finance is hereby authorised to issue stock in Malta under the provisions of the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance; and the loan made under the provisions of this section shall be made on such terms and conditions as the said Minister may approve. Cap. 161.

Purpose of loan.

3. Any money borrowed under the authority of this Act shall be appropriated and applied for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1988.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 320 of the 6th December, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*